# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2 3 1 9

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2734/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Martin Vella (ID.547765M)**

**vs**

**Dolphin Industrial Services Limited (C28232)**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ingusta**

Illum 28 t' Ottubru 2014

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali b'Dikjarazzjoni ta' Martin Vella pprezentata fir-Registru tal-Qorti fis-17 ta' Novembru 2009. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 ta' Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li dan il-kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-ligi minhabba li s-smiegh tax-xhieda ha fit-tul. Ghalkemm it-Tribunal ghamel appell ghal ftehim bonarju, il-partijiet qatt ma kienu qrib li jaslu ghal xi ftehim.

DIKJARAZZJONIJIET

Ir-rikorrent beda billi ddikjara li huwa kien impjegat mas-Socjeta` intimata bhala "Tender and Marketing Research Analyst" skond kuntratt tax-xoghol ghal zmien definit ta' sentejn iffirmat mal-kumpanija intimata fil-hamsa ta' Jannar tas-sena 2009, In forza ta' dan il-kuntratt huwa beda jircievi salarju gross inizjali ta' €1,514 li kellu jigi rivedut fl-gheluq ta' sitt xhur *probationary period*, oltre li kien intitolat ghal bonus jew kummissjoni fuq il-kuntratti

mirbuha mill-Kumpanija in segwitu ghal preparazzjoni tat-tenders relattivi ghar-rikorrent. Matul l-impieg tieghu is-socjeta' intimata rebhet diversi kuntratti bis-sahha ta' dak li ghamel hu, pero fit-2 ta' Settembru 2009 is-socjeta` intimata keccietu mill-impieg, liema tkeccija saret minghajr raguni tajba u biz-zejjed skond il-ligi. Jghid li skond il-ligi huwa intitolat li jithallas minn ghand is-socjeta` intimata dik is-somma ekwivalenti ghal nofs il-paga li kienet tmiss lir-rikorrent ghal bqija taz-zmien espressament miftiehhem fil-kuntratt tal-impieg tieghu, u xi *dues* ohra, u kif ukoll ghal bonuses jew kummissjonijiet fuq il-kuntratti mirbuha mill-kumpanija intimata in segwitu ghall-preparazzjoni u partecipazzjoni tar-rikorrent fit-tenders relattivi.

Ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal (1) jisma' dan il-kaz u jiddikjara li s-socjeta` intimata keccietu u tterminatlu l-impieg minghajr raguni tajba u bizzejjed skond il-ligi; (2) jillikwida favur ir-rikorrenti dik is-somma xierqa u adegwata skond il-ligi u ekwivalenti ghal nofs il-paga li kienet tmiss lir-rikorrenti ghall-bqija taz-zmien espressament miftiehehm fil-kuntratt tal-impieg tieghu u *dues* ohra, u kif ukoll ghal bonuses jew kummissjonijet fuq il-kuntratti mirbuha mis-socjeta' intimata in segwitu ghall-preparazzjoni u partecipazzjoni tar-rikorrent fit-tenders relattivi; u (3) tikkundanna lis-sojceta' intimata sabiex thallas lir-rikorrent dik is-somma li tigi likwidata u dikjarata dovuta lilu'; bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata.

Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tieghu, ir-rikorrent zied li matul l-impieg tieghu is-socjeta` intimata rebhet diversi kuntratti bis-sahha tal-partecipazzjoni tieghu, li kienu (i) tal-Intercontinental Hotel ta' Tripli l-Libja; (ii) ta' blokok tal-Midi Tigne, Sliema; (iii) tas-Central Bank of Malta; (iv) tal-Malta Maritime Authority; u (v) tal-Kunsill Lokali tal-Floriana. Jghid ukoll li barra s-salarju li tilef, huwa tilef ukoll, fost affarijiet ohra, bonuses, kummissjonijiet, u 22.52 siegha ta' unpaid leave.

Il-kumpanija intimata rrispondiet tramite Dottor Carmel Chircop u gie dikjarat:

(1) li Martin Vella kien gie impjegat mis-socjeta` intimata DIS Ltd fis-7 ta' Lulju 2008 permezz ta' kuntratt ta' impieg datat 3 ta' Lulju 2008 fil-kariga ta' Marketing Manager, b'sitt xhur terminu ta' prova (2) li s-socjeta DIS Ltd qatt ma kellha dipartiment tal-Marketing qabel, u l-htiega ta' dan id-dipartiment inhass minhabba z-zieda fix-xoghol u l-htiega ta' persuna interna li tistudja s-suq lokali u dak internazzjonali sabiex tipprepara rapporti u taghti indikazzjoni cara fejn il-grupp seta' joffri s-servizz tieghu, inkluz f'opportunitajiet godda; (3) li Martin Vella maz-zmien wera bic-car li kellu diffikulta' jikkomunika kemm mal-kumplament tal-managers, kif ukoll mal-klienti. Diversi drabi l-managers ipprezentaw ilmenti mad-diretturi dwar l-imgieba ta' Martin Vella fil-konfront taghhom. Kien hemm okkazjonijeit fejn sahansitra kien hemm tilwima bejnu u bejn l-accountant tad-DIS, b'dan tal-ahhar jiddeciedi li jirrezenja mix-xoghol ghax ma satghax ikompli jahdem ma' Martin Vella. (4) Il-Management tal-kumpanija kellu jipposponi l-pjanijiet rigward id-dipartiment tal-Marketing ghax kien evidenti li Martin Vella ma kienx il-persuna idonea ghal dik il-kariga; (5) li d-diretturi tal-grupp DIS kienu sejhu lil Martin Vella u infurmawh li ma kienux kuntenti bl-agir tieghu u kienu ser jitterminawlu l-impieg tieghu. Matul il-laqgha Martin Vella gie infurmat li biex id-DIS ittih cans iehor huwa ghandu jibdel l-attitudni tieghu kemm ma' shabu, mas-superjuri tieghu kif ukoll mal-klienti. Id-diretturi infurmaw lil Martin Vella li huma kienu disposti jaghtuh kariga gdida, dik ta' Tender and Marketing Research Analyst kemmm-il darba huwa jimpenja ruhu li jbiddel l-attitudni tieghu; (6) li l-hsieb tad-diretturi kien li Martin Vella ma jibqax fil-grad ta' manager biex jonqos il-kuntatt dirett ma' persuni barra mid-DIS; (7) wara ftit granet Martin Vella accetta din l-offerta u ffirma kuntratt ta' impieg gdid datat 5 ta' Jannar 2009; (8) li l-kariga l-gdida kienet tikkonisti fil-gbir ta' tenders li jirrigwardaw xoghol relatat ma' dak li joffri l-rupp DIS, ihejji d-dokumenti necessarji, u jassigura li l-pakkett kollu ghandu prezentazzjoni professjonali u li jigi pprezentat fil-hin. Rigward marketing research, Martin Vella kellu janalizza dak li kien qed isehh fis-suq lokali u specjalment dak esteru u jidentifika fejn il-grupp DIS setgha jizviluppa. Jinghad li Martin Vella dan qatt ma ghamlu u li huwa kien jiehu hsieb biss it-tenders; (9) li ghall-

ewwel ftit xhur l-attitudni ta' Martin Vella ma' shabu u ma' tezi kienet immeljorat tant li d-diretturi kienu jiehdu pjacir jarawh fil-kumpanija ta' managers ohra li qabel l-anqas kienu jkelmuh, izda din is-sitwazzjoni damet biss ftit xhur ghax wara Martin Vella rega' ghal li kien sahansitra kien hemm okkazjonij fejn huwa naqas mir-rispett lejn is-superjuri tieghu; (10) li f'diversi okkazjonijiet Martin Vella wera li huwa kien indifferenti ghall-istruzzjonijiet tas-superjuri tieghu ghax kien jahseb li hu biss jaf x'inhu l-ahjar ghall-kumpanija; (11) illi fit-2 ta' Settembru 2009 huwa kellu tilwima ma' wiehed mid-diretturi u per konsegwenza gie deciz li l-impieg tieghu jigi terminat minnufih stante li din kienet l-ahhar holqa f'katina twila, u ghaliex kien hemm ragunijiet tajba u gustifikati kif titlob il-ligi sabiex l-impieg jigi terminat; (12) li l-management dejjem ha pacenzja b'Martin Vella ghax emmen li minkejja l-problema bl-attitudni, huwa kien intelligenti u setgha ikun ta' beneficju ghall-grupp, izda fil-verita` l-attitudni tieghu kellha rizultat aktar negattiv mill-kontribut tieghu; (13) li minkejja li r-rikorrent ma kienx intitolat ghal hlas ta' *overtime*, meta huwa ghamel sieghat twal wara l-hin minhabba tender importanti l-management xorta hallsu; (14) li Martin Vella mhux intitolat ghal hlas ta' kummissjonijiet jew bonus, ghaliex matul l-ahhar kariga tieghu ebda tender ma gie moghti lil grupp DIS minhabba xi intervent dirett tieghu, pero` ghax-xoghol huwa dejjem ircieva l-paga; ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda.

<u>IL-PROVI MIGJUBA</u>

Il-kumpanija ressqet lid-Direttur dottor Carmel Chircop li beda jispjega li DIS Group gie ffurmat wara li l-kumpanija originali Dolphin Forge kibret. Il-kumpanija intimata hija wahda minn sitta jew sebgha kumpaniji li llum jiffurmaw id-DIS Group. Martin Vella kien intaghazel wara *call for applications* ghal marketing manager. Ix-xoghol tal-*marketing* kien finalment ser ikun ta' beneficju ghad-DIS kollu, ghalkemm l-impieg kien mad-Dolphin Industrial Services Limited biss. Matul is-6 xhur *probation* tal-ewwel kuntratt

tat-3 ta' Lulju 2008 gie notat li ghalkemm ir-rikorrent kien intelligenti u jaf jaghmel xogholu sew, l-attitudni tieghu man-nies kienet hazina tant li kellu diversi konfronti ma' kollegi, ma' tliet managers u anke ma' klienti li sahansitra cemplu biex jilmentaw mill-imgieba tieghu.  Isemmi kif l-accountant kien ghamel zmien jilmenta li qed isib il-wipers tal-karozza mghollijin u meta instab fuq is-*security cameras* li dan kien xoghol ir-rikorrent, huwa gie mitkellem u cahad izda imbaghad ammetta u qal li kienet cajta.  Il-kumpanija inkwetat ghaliex cajta ma tibqax tirrepeti ruhha meta l-persuna l-ohra ma tkunx qed toghgobha c-"cajta", u allura kien jidher li kien qed jaghmel biex idejqu.  Anke l-fatt li cahad, u ammetta biss meta qalulu li ghandhom recording ta' camera ma tispirax fiducja f'manager li donnu kien qed jaghmel bhat-tfal.  L-accountant tant hassu offiz li qal lill-kumpanija li jekk ma jitkecciex Vella jitlaq hu; il-kumpanija hasset li ma setghetx taqbad u tkecci hekk, u l-accountant irrezenja. Imbaghad wasal li jispicca il-*probationary period* tar-rikorrent u d-diretturi tal-kumpanija kien bi hsiebhom iwaqqfuh mix-xoghol, izda imbaghad iddecidew li joffrulu xoghol differenti b'kuntratt gdid u bi *probation* gdida ta' 6 xhur ohra. F'dan ix-xoghol ta' Tender and Marketing Research Analyst, ir-rikorrent kien ser ikollu inqas kuntatt man-nies u ftit li xejn kuntat ma' nies barra l-kumpanija. Ir-rikorrent kien mistenni jirricerka x'tenders ikunu hargu li jistghu jittiehdu mill-kumpanija, jigbor id-dokumentazzjoni relattiva, jghaddi Bill of Quantities lid-dipartiment tal-Estimation, li jaghmel il-kalkoli teknici kollha, imbaghad ir-rikorrent jerga' jigbor kollox u jdahhal il-'bid' fiz-zmien stipulat.

Jghid li r-rikorrent kellu l-atitudni li hu jaf kollox: darba l-*estimation department* naqas li jghodd il-Bill of Quantities u r-rikorrent flok tahulhom lura biex jaghmluh ghamlu hu, bil-konsegwenza li ghamel kalkoli zbaljati u hareg total tant baxx li kieku inhadem it-tender il-kumpanija kienet taghmel hafna telf.  Darba intalab igib tender, u minn jeddu ddecieda li ma jgibux u ma jdahhlux ghax skond hu kien sar jaf li t-tender kien intiz jinghata lil xi hadd partikolari.  Din id-decizjoni jekk jibbidjawx jew le kellha tithalla f'idejn id-diretturi, u mhux tellifhom tender bla ma ddiskuta maghhom.

Jghid li dwar il-hlas, ir-rikorrent kellu paga, u meta inghata t-tieni impieg il-paga zieduhielu. Dwar il-commissions, gie rizervat fil-kuntratt li r-rikorrent jinghata *commission* skond is-success li r-rikorrent ikun qed ikollu f'xogholu, pero` l-*commission* kellha tibda tinhadem meta jitwaqqaf is-Sales Department, li sa ma r-rikorrent waqaf mill-impieg kien ghadu ma twaqqafx. Jghid li r-rikorrent u hu verament kienu ddiskutew f'April 2009 kif seta' jinhadem dan il-*commission*, pero` qatt ma kienu waslu ghal xejn konklussiv.  Jghid li l-paga zieduhielu proprju biex tpattilu ghall-fatt li ghall-bidu ma kienx ser ikollu *commissions*.  Jghid li darba kien hemm tender li kellu hafna xoghol u Martin Vella htieglu jaghmel sieghat twal *over-time*: skond il-kuntratt dan m'ghandux jithallas izda bhala apprezzament il-kumpanija xorta hallsitu tal-hin zejjed.

Dwar it-tender tal-Libja jghid li l-partecipazzjoni tar-rikorrent kienet biss billi ghamel appuntament ghad-diretturi ma' wiehed fil-Libja, pero` anke dan ir-rikorrent ghamel hazin ghax iffissalhom appuntament ma' rapprezentant ta' Intercontinental Hotel ohra, li kienet mibnija lesta.  Pero` din il-persuna imbaghad hadithom ghand min kien responsabbli mill-lukanda li riedu.

Dwar il-kuntratt tal-Midi, jghid li l-kumpanija intimata kienet ilha snin taghmel xoghol ghall-Midi, minn ferm qabel ma r-rikorrent dahal jahdem hemm, u l-kuntratti moghtija mill-Midi kienu frott tar-relazzjoni li dawn gia' kellhom qabel. U minn zmien ghal zmien kienu ghadhom qed jghaddulhom kuntratti ohra. Ir-rikorrrent gabar it-tender, pero` ma kienx xoghol gdid.

Dwar it-tkeccija, Dottor Chircop jghid li d-direttur Daniel Farrugia sejjahlu fil-kamra tieghu u Martin Vella mar.  Pero` Daniel Farrugia kellu quddiemu persuna ohra u baqa' jitkellem maghha.  Wara xi hames minuti jistenna, Martin Vella qal lid-direttur  "jekk ghandek bzonni, jien ha nkun fil-kamra tieghu u ghajjatli," u telaq 'l hemm. Id-direttur ha ghalih fuq din l-imgieba u ddecieda li jkeccih.  Jghid li propjament qatt ma kienu inhargulu *warnings*, pero` kien hemm diversi incidenti li fuqhom setghu inhargu *warnings*, bhal meta darba gie fl-idejn mal-project manager Andre Previ.  Jghid li t-tnejn bdew iwahhlu f'xulxin, pero` zewg managers zgur qatt ma kellhom jaslu ghal dan.

Aktar tard Dottor Chircop esebixxa email tas-16 t'April 2009 fejn ir-rikorrent kien issuggerixxa li in rigward tas-sales-persons, fl-ewwel sena tal-impieg taghhom dawn ghandu jinghatalhom 0.4% fuq il-profitti tas-sales taghhom, fit-tieni sena 0.6%, fit-tielet sena 0.8%, fir-raba' 1% u fil-hames 1.2%. Imbaghad jghid li mhux facli tistabbilixxi commission ta' Marketing Manager u jitlob li jaslu ghal ftehim ghax kien diga' tilef 10 xhur kummissjonijiet. Huwa jipproponi li jinghata zieda fis-salarju ta' Lm25 kull xahar kif ukoll 0.5% "on all sales turnover." Ghandu jigi notat li dak iz-zmien ir-rikorrent kien ghadu jqis lilu nnifsu bhala Marketing Manager.

In kontro-ezami Dottor Chircop ikkonferma li meta r-rikorrent jahdem wahdu jaghmel xoghol tajjeb hafna, izda mill-ewwel johloq problemi meta jigi f'kuntatt ma' haddiehor. Warnings formali ma inghatax pero` gie mitkellem kemm-il darba li essenzjali li jibdel l-imgieba tieghu. Jghid li kultant kien ikollu ragun fuq xi haga imma imbaghad ikun goff biex ir-ragun jiehdu. Dwar l-accountant ikkonceda li kien anke offenda lir-rikorrent b'missieru mejjet, u li dan l-accountant ma kellux sistema tajba ta' xoghol tant li min dahal warajh sabha difficli igib kollox kif suppost. Jghid li matul il-probation tat-tieni kuntratt ir-rikorrent tant beda jirranga l-attitudni tieghu li anke gie notat waqt ikla li kien qieghed jiccajta mal-managers l-ohra. Dwar il-*commission* jghid li kienu bdew diskussjonijiet dwar kif setghet tigi kkalkolata, pero` kienet cara mill-bidu li ghall-bidu ma kienx ser ikun hemm *commission* u meta din tibda tinghata ma tinghatax b'lura. Jghid li min qed jaghmel ix-xoghol li kien jaghmel ir-rikorrent accetta li jaghmel ix-xoghol bla *commission*, avolja issa hemm l-istruttura tas-Sales Department. Dwar l-incident tat-tkeccija, dan ix-xhud jghid li gurnata minnhom sema lil Daniel Farrugia jghajjat mill-officju tieghu, mar hdejh u dan qallu li kien ghadu kif kecca lil Martin Vella mill-impieg.

Eve Farrugia li kienet ilha 9 snin direttur tal-kumpanija intimata xhedet li l-problema tar-rikorrent kienet l-attitudni tieghu li kienet sikwit tidhol f'kunflitt ma' kull min ikollu x'jaqsam mieghu, bhall-accountant Jesmond Tonna li tant

dejqu li kellu jitlaq mill-impieg. Ir-rikorrent kellu kunflitti anke mal-manager Andre Previ u ma Steve Mahalec. Tghid li kienet responsabbli mill-Human Resources u anke hi kien ikollha battikata tikkonvincih juza kliem meqjuz flok kliem li jwegga' u jdejjaq lill-ohrajn. Ir-rikorrent kellu dizgwid ma' certu Gaetano ukoll, u allura id-diretturi hasbu li qabel ma jaghlaq il-*probation period* ta' 6 xhur fuq il-kuntratt tat-3 ta' Lulju 2008 iwaqqfuh mill-impieg. Pero` innotaw li kien bniedem habrieki u jiehu inizjattiva wahdu u ghalhekk iddecidew li l-ewwel kuntratt iwaqqfuhulu u jtuh kuntratt gdid fejn xogholu jkun fl-officju prattikament jahdem wahdu. Dan it-tieni kuntratt sar fil-5 ta' Jannar 2009 u kellu probation gdida ta' 6 xhur. Din ix-xhud tat dettalji tax-xoghol il-gdid ta' Martin Vella, li pero ftit huma relevanti ghall-vertenza peress li ma tqajjmitx bhala difiza li r-rikorrent ma kienx jaghmel xogholu jew ma kienx jaghmlu sew. Tghid li matul it-tieni kuntratt il-problema kienet inqalghet meta f'okkazjoni minnhom ħuha, id-direttur l-iehor Daniel Farrugia, talbu jmur fil-kamra tieghu, izda ma qallux x'irid mill-ewwel ghax kien qed ikellem lin-nies, u Martin Vella xeba' jistenna u b'mod arrogant qallu "meta tkun lest ghidli ghax jien ghad fadalli x-xoghol x'naghmel." Id-direttur Daniel Farrugia m'accettax din l-arroganza u keccieh.

Dwar il-*commission* ix-xhud tghid li din kienet f'mohh il-partijiet pero` l-idea kienet li l-c*ommission* tkun tista' tigi kkalkolata meta jitwaqqaf is-Sales Department u allura din tkun marbuta mas-sales. Pero` meta sar il-kuntratt fl-2009 dan id-Dipartiment kien ghadu ma twaqqafx u allura ma kien hemm ebda kriterju fuq xiex ir-rikorrent seta' jinghata kummissjoni. Biex ipattu ghal dan, id-diretturi iddecidew li meta minn Marketing Manager tawh kuntratt ta' Tender And Marketing Research Analyst is-salarju gross tar-rikorrent ghollewhulu minn €1,398.00 fix-xahar ghal €1,514.00 fix-xahar, li fi kliem ix-xhud kienu ekwivalenti ghal dawk li kienu hamsin lira Maltin (Lm50.00) fix-xahar. Tghid li di fatti wara xi xhur kienu bdew diskussjonijiet dwar kif kellhom jinhadmu l-kummissjonijiet, pero` dawn ma setghux jigu konkjuzi qabel ma jitwaqqaf is-Sales Department. Tghid li normalment min jahdem bil-*commission* ikollu paga baxxa biex id-dhul principali jidhol mill-*commission*,

pero f'dan il-kaz il-paga ghamluhielu gholja proprju ghax kienu jafu li kien ghad irid jghaddi zmien qabel il-*commission* setghet tibda tithallas.

Dwar it-tender tal-Libja, ix-xhud tghid li d-diretturi kienu diga' se jmorru minn jeddhom il-Libja fuq xoghol iehor, u ssemmi l-incident ta' meta r-rikorrent idderiega lid-diretturi ghal persuna zbaljata ghal biex jistaqsu dwar possibilita' ta' kuntratti, pero` tghid li t-tender relattiv li rnexxielhom igibu d-diretturi hadmu r-rikorrent bhat-tenders l-ohra kollha bhas-soltu. Tghid li meta inhadem it-tender tal-Metropolis, ir-rikorrent tant hadem sieghat wara l-hin biex ilahhaq maz-zmien limitat li kien hemm li inghata *ex gratia payment* ta' €1,500, pero` taccetta li dan sehh meta r-rikorrent kien ghadu bl-ewwel kuntratt. Dwar it-tender tal-Midi tghid li l-kumpanija kienet ilha tiehu kuntratti tal-Midi, igifieri t-tender li hadu fiz-zmien li kien hemm ir-rikorrent ma jistax jinghad li dan haduh bis-sahha ta' Martin Vella. Pero` hu ghamel xogholu. B'mod generali tghid li ebda wiehed mill-hames kuntratt indikati mir-rikorrent fid-Dikjarazzjoni tieghu ma ttiehdu minhabba xi intervent specjali tar-rikorrent, pero' ix-xoghol li kien mistenni jaghmel kien jaghmlu kollu, jaghmlu sew u kien jibqa' jsus warajh sa ma jlestih. Meta t-Tribunal staqsa lix-xhud ma' xiex kienet ser tintrabat il-*commission* li kienet mahsuba, u cioe` jekk kinitx ser tkun marbuta mal-istess xoghol jew ma' xi xoghol iehor, ix-xhud qalet li din kellha tkun marbuta ma' l-istess xoghol pero` kien hemm bzonn jitwaqqaf is-sales department sabiex il-kalkolu jinhadem fuq l-influss ta' xoghol li jkun diehel f'dak id-dipartiment, u tghid li meta saret din ix-xhieda f'Gunju 2010 dan id-Dipartiment ma kienx ilu li twaqqaf.

Id-direttur Daniel Farrugia xhed b'mod dispreggattiv hafna fil-konfront tar-rikorrent, u dan it-Tribunal ser jiccita xi partijiet mix-xhieda mehuda verbatim ta' dan ix-xhud. Jghid li r-rikorrent kien gie impjegat bhala Marketing Manager u minn dan ix-xoghol m'ghamel xejn "hlief *just photocopies* u jittimbra t-tenders..." . Jghid "... he is not technical at all. Fil-fatt wahda mill-kollegi taghna li taghmel il-quatation minfloku hija mara u taghmlu hafna ahjar milli jaghmlu hu, ghax hu zero, he's not technical, hadida u njama ma jarax id-

differenza... ."  Imbaghad ghadda biex spjega kemm ircieva ilmenti dwaru minn ghand klienti, pero` dan it-Tribunal mhux ser itihom importanza ghax dawn jirreferu ghal xoghol fil-perjodu tal-kuntratt precedenti.
Dwar il-*commission* jghid li meta sar it-tieni kuntratt "zidnielu l-paga minflok il-*commission*."  Dwar il-*commission* izid li din "Qatt ma giet diskussa, staqsa hafna drabi u qatt ma giet diskussa ghax ovvjament ix-xoghol u l-performance tieghu qatt ma tah, u ghidnielu x'inhuma u waqafna mill-*commission*, u zidnielu l-paga biex ma tergax tissemma darb'ohra l-*commission*." Anke in kontroezami baqa' jinsisti li fil-kuntratt tieghu ir-rikorrent m'ghandu ebda *commission* imsemmija.

Dwar it-tkeccija jghid li l-attitudni tar-rikorrent hija ta' wiehed arroganti u bossy, u kien ser jitkecca waat l-ewwel kuntratt.  Dakinhar tat-tkeccija, huwa ghajjat lir-rikorrent fl-officju u meta spicca jitkellem ir-rikorrent qabad u dar biex jitlaq 'il barra.  Jghid li staqsih fejn sejjer u jghid li r-rikorrent wiegbu li ser jitlaq lejn l-officju ghax kellu x'jaghmel.  Jghid li qallu biex jibqa' hemm halli jkellmu, u li r-rikorrent wiegbu "stenna," u xorta baqa' hiereg mill-officju. Jghid li fuq dan keccih, u ghax din ma kinitx l-ewwel darba.  In kontro-ezami dan ix-xhud jghid li ghalkemm ir-rikorrent kien indika li jaf jimla t-tenders, dan ma kienx kapaci jaghmilhom u ndunaw b'dan aktar tard.  Jghid li tul  l-ewwel kuntratt kienu jircievu l-ilmenti minn ghand il-klienti li kien javvicina r-rikorrent minhabba sales, imabaghad waqt it-tieni kuntratt kienu jircievu ilmenti minn ghand is-suppliers li r-rikorrent kien ikollu bzonn jikkuntattja minhabba l-quotations.

Mary Claire Zammit qalet li ghalkemm hija Works co-ordinator u Customer Relations, fiz-zmien li r-rikorrent kien impjegat hija kienet tmexxi s-Sales Department u tahtha kellha l-"estimators" biex johorgu l-"quotes" lill-klienti. Tghid li Martin Vella kien igibilhom xi klient jew "request for estimation" jew tender, u n-nies ta' tahtha jaghmlu l-kalkoli ta' kemm ser jigi jiswa x-xoghol.  In kontroezami tghid li qabel gew impjegati dawn l-istimaturi, il-kalkoli kien jaghmilhom Daniel Farrugia.

Ir-rikorrent beda billi ressaq il-Curriculum Vitae tieghu fejn fost affarijiet ohra kien indika li kapaci anke fis-sens li "Prepare, edit and estimate costs for large-scale project offers or tenders and Government bids...". Jghid li gie intervistat tliet darbiet qabel intaghazel minn fost kuritur twil ta' applikanti. Jghid li huwa holoq struttura fejn tenders lokali u mill-Unjoni Ewropea setghu jigu quddiemhom u jaghzlu dawk li kienu jghoddu ghalihom. Kien jahdem hafna sieghat zejda u normalment ma kienx jigi kompensat ghal dan. Huwa ppretenda li bhal ma jghid l-ewwel kuntratt, il-kundizzjonjiet tal-impieg tieghu isiru ahjar malli jghaddi l-probation period. Jghid li Daniel Farrugia kien ikun irid jiffirma kollox hu, anke dak li jipprepara r-rikorrent; imbaghad kien ihalli hafna xoghol ghall-ahhar li jkun ser jiskadi z-zmien u jinqala' hafna paniku. Ir-rikorrent cahad l-allegazzjoni ta' Daniel Farrugia li hu kien jaghmel xoghol ta' photocopying u li jaghfas buttuna u johrog kollox, u biex jirribatt din l-allegazzjoni huwa esebixxa ammont enormi ta' dokumentazzjoni li kien jipprepara hu ghall-htigijiet tal-kumpanija intimata skond kif kien ikun intalab. Jghid li mat-tieni kuntratt, ghalkemm issejjah Tender Market Research Analyst, kien hemm qbil li huwa jibqa' Marketing Manager u baqa' jinghatalu xoghol ta' marketing. Jghid li t-tieni kuntratt sarlu ghaliex l-ewwel kuntratt gie ezawrit u cioe` li kellu jsir fih sar kollu. Jghid li fit-tieni kuntratt ma kienux ser ituh *commission*, pero` insista li din titnizzel inkella ma jibqax jahdem maghhom, u zidulu dik il-klawsola. Mistoqsi mit-Tribunal kif allura ma gietx stabbilita rata, ir-rikorrent jghid li huwa halla f'idejn il-kumpanija, pero ` jghid li bdiet tissemma c-cifra ta' bejn 2% u 4% tal-profitt. Jghid li din kellha tigi stabbilita wara. Jghid li l-profitt tal-kumpanija kien ikun madwar 45% tal-quote. Jghid li qatt ma kien ikun hemm profit ta' inqas minn 25%. Jghid li skond Andre Previ it-tender kien ivarja bejn 35 u 40 % fuq il-cost. Jghid li meta t-tender ikun zghir, imbaghad, il-profit jinzel ghal madwar 20%.

Dwar Daniel Farrugia, jghid li dan dejjem jidghi u jghajat ma' kulhadd, anke mieghu. Jekk issiktu milli jidghi jghajjat izjed. Jghid li dakinhar tat-tkeccija Daniel Farrugia kellu jmur il-Libja izda mar l-ajruport tard u tilef l-ajruplan.

Gie lura rrabjat hafna u sejjahlu l-officju. Meta mar ikellmu dan kellu sahna kbira u pprova jikkalmah, imma ma setax jikkalma. Imbaghad qallu li ser imur jirrispondi xi telefonati sa ma jikkalma u minflok dan qabad u keccih. Mar ikellem lil Eve Farrugia u qalilha li gie mkecci, u li ma kienx bi hsiebu jipprotesta wisq ghax kien xeba' jitlob ghall-*commissions* u dawn ma jinghatawlu qatt. Dottor Chircop, li kien prezenti, qallu biex imur id-dar u meta jikkalma kollox jerga' jidhol ghax-xoghol, izda fil-verita` qatt ma regghu qalulu biex jidhol. Imbaghad infetah dan il-kaz

KONSIDERAZZJONIJIET

Dan it-Tribunal irid fl-ewwel lok jiddeciedi jekk it-tkeccija kinitx wahda gustifikata fil-ligi jew le. F'kaz li kienet gustifikata r-rikorrent ma jkun intitolat ghal xejn, mentri jekk le huwa jkun intitolat jiehu nofs il-paga li kien ser jircievi kieku baqa' jahdem iz-zmien kollu indikat fil-kuntratt sa ma jiskadi, skond Artikolu 36(12) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-socjeta' intimata gabet hafna provi fuq l-imgieba goffa tar-rikorrent, l-aktar meta kien qed jahdem bl-ewwel kuntratt li kien ghal zmien indefinit. Dawk il-provi kwazi jistghu jigu skartati ghaliex is-socjeta` intimata kellha kull poter twaqqfu mill-impieg waqt iz-zmien tal-*probation*. Minflok is-socjeta intimata taghtu kuntratt gdid, u allura donnha accettat it-tip ta' karattru li taf li ghandu, b'dak li tista' tistennna minn ghandu. Id-diskors ta' inkompetanza li gie bih Daniel Farrugia mhux biss gie kontradett mix-xhieda l-ohra ta' Eve Farrugai u Dottor Carmel Chircop, talli fl-ahhar mill-ahhar kieku r-rikorrent kien inkompetenti ma kienx jinzamm fl-impieg ghal perjodu aggregat ta' 12-il xahar bil-probation u anke xahrejn ohra. Fuq dan, it-Tribunal qed iqis ix-xhieda ta' Daniel Farrugia bhala wahda dubjuza, kif del resto anke turi l-insistenza tieghu li r-rikorrent ma kellu ebda *commission* taht it-tieni kuntratt, meta mhemmx dubju li l-imsemmi kuntratt miktub fil-fatt jitkellem fuq *commission*.

Ghalhekk dan it-Tribunal, ghall-iskopjiet tat-tkeccija, ghandu quddiemu biss ilmenti li r-rikorrent kien goff fi kliemu. L-incidenti mal-managers l-ohra sehhew waqt il-perjodu tal-ewwel kuntratt. Dwar il-kliem mhux meqjuz tar-rikorrent, dan irid jittiehed fil-kuntest tal-karattru tieghu u li giet accettat mill-amministraturi tal-kumpanija, anke sal-punt li inghatalu kuntratt gdid. Dwar l-incident fil-jum tat-tkeccija, hemm il-verzjoni tar-rikorrent, il-verzjoni ta' Daniel Farrugia u l-verzjoni ta' Eve Farrugia u Dottor Chircop. Pero` l-ebda wahda minnhom ma hija prova ta' mgieba daqstant gravi li ggib tkeccija. Warnings miktubin qatt ma kien hemm, u meta lill-impjegat tghidlu "tkellem sew" ma tkun qieghed twissih li darba ohra jista' jitkecca. Ghaldaqstant it-tkeccija tar-rikorrent qed titqies bhala mhux gustifikata fil-ligi. Ir-rikorrent kien ghad jonqsu 16 –il xahar x'jaghmel mill-kuntratt miftihem (mhux 15 'il xahar kif jinghad fis-Sottomissjonijiet), u ghalhekk kien hemm fin-nofs paga li tammonta ghal €24,224. Ir-rikorrent hu intitolat ghal nofs dan l-ammont, u cioe` €12,112. Il-ligi ma tridx li ma' dawn jizdiedu bonuses, commissions, perkacci u allowances (skond il-proviso tal-istess subartikolu hawn fuq citat).

Dwar il-kummissjoni, jinghad li meta r-rikorrent baghat l-email f'April 2009 huwa lmenta li kien diga' tilef 10 xhur ta' kummissjoni, u dan juri li kien veru li din il-kummissjoni kellha tigi stabbilita aktar tard, u li aktar ma ddum ma tigi stabbilita huwa kien ser jitlef aktar. Kieku ma kienx ikollu x'jilmenta, ghax kien ikun ser jehodha b'lura. Ghalhekk ma nistghux nahdmu kummissjoni li qatt ma kien hemm qbil fuqha. Pero` l-kuntratt ipoggi piz fuq il-kumpanija intimata li tahseb ghal kummissjoni, haga li sa 8 xhur ma saritx. Fil-waqt li dan it-Tribunal ma jistax jaghti kummissjoni stretta la darba ma kienx hemm qbil fuqha, dan it-Tribunal xorta irid li min jintrabat b'haga jwettaqaha. Is-socjeta` intimata mhux biss kienet ghadha ma ghamlet xejn dwar dan, talli Daniel Farrugia kien bl-idea li l-kwistjoni tal-kummissjoni kienet inghalqet darba ghal dejjem u li ma kinitx dovuta: dan certament mhux accettabbli. It-Tribunal irid iqis ukoll li kienu ghaddew 8 xhur biss minn kuntratt ta' sentejn, u r-rikorrent holoq diversi problemi bl-imgieba tieghu. Ghalhekk dan it-Tribunal

irid li n-nuqqas tal-kumpanija li tidhol f'idskussjonijiet serji fuq kummissjoni jigi penalizzat b'ammont pjuttost nominali, u fic-cirkostanzi qed jordna li s-socjeta` intimata thallas ulterjorment lir-rikorrent somma li *arbitrio boni viri* qed tigi kwantifikata fl-ammont ta' €2,888.

<u>DECIZJONI</u>

Ghaldaqstant, wara li dan it-Tribunal ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddeciedi u jiddikjara li t-tkeccija tar-rikorrent mill-impieg ma kinitx gustifikata fil-ligi, u ghalhekk is-socjeta` intimata qed tigi ordnata thallas lir-rikorrent €12,112, u cioe` nofs is-salarju li kien jispetta lir-rikorrent kieku baqa' jahdem sal-ahhar tal-kuntratt ta' sentejn; u in oltre ghandha thallsu wkoll kumpens ta' €2,888 kif indikat hawn fuq, globalment is-somma ta' €15,000 fi zmien 30 jum. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta’ Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta’ tlieta u disghin Euro (€93.00). B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr Leslie Cuschieri
Chairman